FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

5 ta’ Dicembru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sebgha u Ghoxrin (27) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sebgha u Ghoxrin (27) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 5 ta’ Dicembru 2013 fil-5.30pm,** b’din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Evalwazzjoni ta` Offerti
10. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
11. Gabbana Centru Rikreattiv Re Gorg V
12. Zmien ta’ Prova tal-Haddiem Manwali
13. Attivitajiet konguntі ma` ghaqdiet Furjanizi
14. Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja
15. Dlam fi Gnien Il-Mall
16. Floriana Business Community
17. Bankini u Asfaltar Balzunetta
18. Attivitajiet fil-Milied ghall-Anzjani
19. Latrini ta’ Bieb il-Bombi
20. Hlasijiet mill-gvern ta’ xogholijiet fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun
21. Tmiegh ta` qtates
22. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sebgha u Ghoxrin (27) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitta u ghoxrin (26) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni sabiex l-approvazzjoni tal-minuti tigi posposta ghal-laqgha li jmiss minhabba li thoss li ma kienx hemm bizzejjed zmien biex dawn jinqraw. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv talab li ssir l-approvazzjoni ta' estratt zghir mill-minuti, materja nru 13.3 rigward l-ghazla tal-offerta ta' WM Environmental Ltd. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni ta' dan l-estratt tal-minuti, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, VB, NH, DSH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand tnejn mill-impjegati tal-Kunsill sabiex jigi trasferit ghas-sena 2014, ammont ta' granet ta' leave li ma jammontax ghal aktar minn sitt ijiem ghal kull impjegat. Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni ta' din it-talba, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, DSH, VB, ET, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dar il-Mistrieh u nforma li kienu stiednu lis-Sindku u lill-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani ghar-riceviment tal-Milied nhar il-Hamis 19 ta' Dicembru 2013.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba sabiex isir fanal fi Triq San Tumas kantuniera ma' Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li din il-materja kienet ser titressaq fil-mozzjonijiet u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandha tigi diskussa f'waqtha.

**Nota: 17:35 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghaz-zjara li ser issir mill-Kap tal-Oppozizzjoni fix-xahar ta' Dicembru u ppropona li l-Kunsill jaghti plakka tal-injam f'din l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li f'kaz li l-memento ma tilhaqx tkun lesta, il-Kunsill ghandu jipprezenta lill-Kap tal-Oppozizzjoni sett ta' pubblikazzjonijiet mahruga mill-Kunsill.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dimbros Ltd fejn talbu dan li gej:

3.5.1 Saret talba sabiex jitnaqqsu l-ammont ta' granet ta' kollezzjoni u minflok, ippropona li l-Kunsill ma jillimitax kull gabra ghal zewg oggetti biss kull resident. Il-Kunsill ma laqax it-talba tat-tnaqqis fil-granet ta' kollezzjonijiet u dan anke minhabba li t-tender kien jindika li 3 darbiet fil-gimgha differenti. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru iktar minn zewg affarijiet kull persuna.

**Nota: 17:37 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' rritorna ghal-laqgha.**

3.5.2 Saret talba sabiex il-kollezzjonijiet jibdew isiru iktar kmieni minhabba li l-Wasteserv ma taccettax rimi ta' oggetti wara l-5.30pm. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel zmien ta' prova ta' xahrejn u li ghal dan il-perjodu, jemenda l-hinijiet tal-kollezzjonijiet kif gej: **It-Tlieta u l-Hamis, fis-2pm u s-Sibt fit-8am.**

3.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien dahal ilment li l-kuntrattur kien naqas milli jigbor oggett minn wara bieb ta' dar ta' residenza minhabba li ma kienetx barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-kuntrattur u jitolbu spjegazzjoni.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kellu informazzjoni li l-kuntrattur kien qed jahdem b'vann differenti minn dak li ttenderja bih. Huwa zied jghid li mill-informazzjoni li kellu, dan il-vann ma kellux licenzja valida. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur bil-miktub b'dawn in-nuqqasijiet u ghandu jinformah li f'kaz li ma jemendax, il-Kunsill kien ser jiehu l-passi necessarji skont il-kuntratt li ghandu mieghu.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li Kien sar seminar dwar uzu efficjenti tal-energija, u stieden lil Kunsillier Vince Borg jaghti iktar dettailji. Il-Kunsillier Vince Borg spjega li kien gie suggerit li l-Kunsilli Lokali jevalwaw xi tip ta proposta biex dawk ir-residenti li jkunu jixtiequ jixtru xi *domestic appliances* godda jinghataw prezz fiss / rohs wara li l-Kunsill ikun ftiehem prezz generali ma' min ibiegh. Il-Kunsill qabel fil-principju li ghandu jikkuntattja lill-AKL u jitlob iktar informazzjoni.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-terminu tal-kuntratt tas-servizz tal-Perit Stephen Farrugia u nforma li l-Kunsill kien ghad ghandu fil-pussess tieghu il-garanzija. Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-garanzija tinghatalu lura bil-kundizzjoni li l-Perit Farrugia jiffirma dikjarazzjoni fejn fiha jikkonferma li ma hemm l-ebda pendenzi ta hlasijiet. Il-Kunsill qabel.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li matul il-laqghat ricenti tal-VFRP, il-Kunsill kien gie mitlub jipprezenta dossier ta' xoghol li hemm bzonn li jsir fil-Floriana. Is-Sindku zied jghid li l-priorita' ghandha tinghata lill-xoghol storiku jew kulturali. Il-Kunsill qabel li l-kunsillieri jinghataw gimgha cans sabiex iressqu l-proposti taghhom. Is-Sindku Nigel Holland zied jghid ukoll li hu kien ippropona li jsiru l-bankini li hemm fi Vjal ir-Re Dwardu VII.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jithawwlu zewgt iqsari fil-pots vojta li hemm fi Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw xtieli diga maturi li jithawwlu kif suggeriet. Il-Kunsill qabel li wara li jithawwlu x-xtieli msemmija, ghandu jinforma lill-kuntrattur Wilson Mifsud biex tibda ssir it-tisqija necessarja.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-appell imressaq minn Owen Borg rigward il-kuntratt tal-knis. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-dipartiment tal-Gvern Lokali li sa dan it-tant, gie ikkonfermat bil-falsifikazzjoni ta' dokumenti tal-ETC mill-istess offerent, kif ukoll jitlob parir minghand l-Avukat tal-Kunsill dwar kif ghandu jipprocedi.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq rizoluzzjoni sabiex tawtorizza lis-Segretarju Ezekuttiv japplika ghall-meter tad-dawl gdid sabiex tkun tista' tinxteghel il-fossa fi Pjazza San Publju. Il-Kunsill qabel.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-memo interna mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn id-dipartiment jitlob li l-kunsilli lokali jwiegbu l-artikli li jkun hemm fil-gazzetti li jirrigwardaw lil-lokalita'. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex ma jesigiex li l-Kunsill iwiegeb ittri mhux iffirmati u li jkunu anonimi jew miktuba b'nom de plume. Il-Kunsill qabel.

3.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 u qal li hu kien ipprepara twegiba u talab ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li mit-twegiba tal-Kunsill titnehha r-riferenza ghall-partiti politici. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Vici Sindku u approva t-twegiba proposta bl-emendi msemmija.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand persuna dwar iz-zamma ta' tariffa ghall-ipparkjar ta' vetturi fil-parking area li ricentement giet devoluta lill-Floriana F.C. Il-persuna li ressqet l-ilment qalet li m'huwiex gust li ma tinghatax ricevuta ghat-tariffa mhallsa u li lanqas hemm tabella li tistipula t-tariffi mitluba. Il-Kunsill qabel li ghalkemm l-ilment huwa wiehed validu, ghandu jinforma lill-persuna li lmentat li din iz-zona kienet wahda privata u dawn in-nuqqasijiet allegati mhumiex responsabilta tal-Kunsill.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Rachel Haber Camenzuli fejn talbet li tinstab soluzzjoni ghas-sitwazzjoni tad-dawl fil-KGV. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kienu gew jiccekkjaw, jista' jkun li hemm overload u ghalhekk kien ser jigi ttestjat fi tmiem il-gimgha sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni.

3.18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.17 u qalet li ladarba l-KGV ser ikun mitfi ser tesiegi li dan jinghalaq kif suppost. Il-Kunsilliera ziedet tghid li ricentement kienet irceviet diversi rapporti li l-gonna ma kienux qed jinghalqu kif stipulat fil-kuntratt.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-talba mressqa mill-Akkademja ta Justin Haber fejn talbu li jiehdu wiehed mit-toilets f'idejhom minhabba li qed ikun mahmug. Is-Sindku Nigel Holland qal li fil-kuntratt, il-kuntrattur kien obbligat inaddaf it-toilets darba kuljum biss. Il-Kunsill qabel li ladarba l-kuntrattur kien obbligat inaddaf biss darba kuljum, ghandu jinforma lill-Akkademja li jekk hemm bzonn t'iktar tindif ghandu jsir mill-istess Akkademja.

3.20 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jigi rrangat il-punch clock tal-KGV sabiex ikun jista' jinzamm kontroll u jitnaqqas l-abbuz fir-rigward tal-Ftuh u l-gheluq tal-gonna.

3.21 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll li l-Akkademja nformat li kien qed jidhol l-ilma fl-ufficcju taghhom u fic-changing room. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien bat lill-haddiema tal-Kunsill jaghmlu s-sealer sabiex itaffi ill-problema. Huwa irrimarka li kien mar anke il-Perit u infoma li ma kienx hemm mod kif jigi kkontrollat kompletament l-ilma.

<u>**Nota: 18:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**</u>

3.22 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kiem hemm talba sabiex isir uzu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill ghal zfin. Il-Kunsill ma qabilx minhabba l-istobju li kien ser jinholoq li jkun t'inkonvenjent ghall-girien.

3.23 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Annabel Busuttil li talbet permess sabiex torganizza kors b'xejn ghar-residenti Furjanizi. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.24 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-book box li l-Kunsill kien ordna minghand

Anton Zarb u saqsa jekk il-Kunsill kellux dritt jimmultah tad-dewmien. Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur 10% tal-ammont skont il-kuntratt u jinforma lill-kuntrattur li kien qed jesponi ruhu ghad-danni.

**Nota: 18:34 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

3.25 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-appell tal-Avukat Malcolm Mifsud ser jinstema' nhar l-24 ta' Jannar 2014.

3.26 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li bhalma kien sar ammont ta' snin ilu, jerga' jsir kwistjonarju iehor li jintbaghat lir-residenti rigward l-operat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li dan il-kwistjonarju ghandu jigi ccirkolat lill-kunsillieri kollha qabel jigi approvat.

3.27 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet ircevit korrispondenza minghand l-Enemalta fejn informawha li kien hemm bzonn li jinbidel il-wiring ta' diversi dwal fil-lokalita' minhabba li kien qdiem. Il-Kunsilliera qalet ukoll li l-Enemalta kienu qalu li kien hemm bzonn li jinbidlu diversi central hangings. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghal dan ix-xoghol u jitlob ukoll dikjarazzjoni mill-istess entita' li dan ix-xoghol hemm bzonn li jsir kif ukoll deskrizzjoni dettaljata ta' dak li kien qed jigi propost.

3.28 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni wkoll ghad-diskorsati li kienu saru mal-Ministru Karmenu Vella rigward il-Fanali Ornamental ta Pjazza San Publju. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jigbed l-attenzjoni ghal dak li kien gie mwieghed u jitolbu sabiex jintervjeni biex il-fanali ornamentali jigu nstallati.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghall-kuluri differenti tal-fanali ornamentali, poles u l-bollards li hemm fuq il-Fosos u ppropona li dawn jinzebghu kollha kulur wiehed. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din il-proposta lill-VFRP bhala parti mid-dossier imsemmi iktar kmieni.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-hadid tal-KGV u ppropona li l-hadid kollu jinzeba' iswed bil-ponot kulur id-deheb. Il-Kunsill qabel.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghas soft area li hemm fit-tarf tal-Arena tal-indipendenza u saqsa jekk din taqax taht Transport Malta. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kienet qamet waqt laqgha tal-VFRP u kien talab li tittiehed azzjoni dwar din is-sitwazzjoni.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kellu informazzjoni li s-Sinjura Margaret Roberts kienet ser taghlaq mitt sena u saqsa jekk hijiex prassi tal-Kunsill li jaghti xi memento ghal din l-okkazjoni. Is-Sindku wiegeb fil-pozittiv u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jaghti memento zghir lis-Sinjura Roberts fl-okkazzjoni ta' gheluq il-mitt sena.

**Nota: 18:47 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-gandott li hemm hdejn il-parking area ta' Bieb il-Bombi u saqsa jekk dan jistax jigi rrangat mill-haddiema tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li l-haddiema tal-Kunsill kienu investigaw izda jidher li mhux ta' idejhom. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima sabiex dawn il-kaptelli jigu rrangati.

**Nota: 18:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-isprall li sfronda hdejn Hall C magenb id-Dipartiment tal-Licenzji u saqsa jekk dan jistax jigi rrangat ukoll. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandha tingieb kwotazzjoni mir-Road Servicing Ltd. sabiex dan l-isprall jigi rrangat.

**Nota: 18:49 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

4.7 Is-Sindku Nigel Holland informa bi sprall li kien rega' sfronda hdejn Binja Vilhena. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni sabiex dan jitranga.

4.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-bollards li hemm fi Triq il-Miratur u saqsa jekk jistghux isiru xi reflective stickers minhabba li dawn qeghdin ta' periklu meta jidlam. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

4.9 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-gwardjani lokali ghadhomx jidhlu fis-6am. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien informat li tnejn minnhom kienu spiccaw u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jesiegi li ta' kuljum ikun hemm tliet gwardjani lokali. F'kaz li jigi nnutat li m'hux qed ikun hemm tliet gwardjani lokali, is-Sindku ppropona li ghandu jigi nformat ir-Regjun Xlokk b'dan in-nuqqas. Il-Kunsill qabel.

4.10 Fir-rigward tal-hinijiet tal-gwardjani lokali, is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jesiegi li jibqa' jidhol gwardjan lokali fis-6am kif kien gie miftiehem mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

4.11 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kienet ser tissejjah laqgha mad-dirigenti tal-gwardjani lokali kif ukoll mal-Authorised Officer flimkien mas-sottokumitat.

4.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk hu kienx ta struzzjoni lill-gwardjani lokali sabiex ma jharrkux fi Triq San Frangisk u fit-Telgha tal-Kurcifiss. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv u qal li hu lest li jikkonfronta lil min kien qed imexxi dan l-ghidut.

4.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-informazzjoni li kienet ser titnaddaf il-mina tal-ferrovija u talab iktar informazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li s'issa l-Kunsill kien gie nformat li kienu ser jigu rrangati l-cables mill-kumpanija GO.

4.14 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa fuq il-bollard li twahhlet fi Triq Sarria quddiem id-dar tal-Arcipriet. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Arcipriet kien ikkuntattjah u li kien tkellem mieghu fit-tul. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ser jerga' jibghat lill-haddiema jwahhlu din il-bollard minhabba li ma tistax tibqa' kif inhi.

4.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jaghti permess specjali lill-Arcipriet simili ghall-dak li jinghata lin-negozji fil-lokalita'. Huwa zied jghid li minkejja kollox ma jittollerax li wiehed jipparkja illegalment.

4.15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien diga ppropona dan f'laqgha tal-Kunsill liema talba ma kinietx giet milqugha.

4.15.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx minhabba li l-Kunsill jaghti permess lin-negozji minhabba li kien hemm kundizzjoni mill-union meta giet introdotta l-iskema ta' parkegg residenzjali.

4.15.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ippropona li l-Arcipriet japplika ghall-permess specjali fi hdan il-Bord tal-Verifika izda l-Arcipriet ma kienx accetta.

4.15.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jhossx li kull min jaghti servizz lill-Floriana ghandu jinghata permess jew parkegg riservat ghax b'dak il-mod, ghandu jinghata l-istess trattament is-Sindku, l-ghalliema u kull min jaghti servizz lil-lokalita'.

4.15.5 Minhabba li kien ghadda bizzejjed zmien, il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq proposta sabiex il-Kunsill jestendi il-permessi specjali kummercjali sabiex ikopru wkoll permess wiehed specjali lill-Arcipriet tal-Knisja Arcipretali tal-lokalita', issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

4.16 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa meta kienu ser isiru l-bollards fi Triq il-Miratur. Huwa zied jghid ukoll meta ser jitkomplew jitwahhlu l-bollards kollha fil-lokalita'.

**Nota: 19:10 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Vici Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-sottokumitat tal-Ordni Pubbliku Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija Il-Kunsill approva l-minuti mressqa.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq skeda ta' hinijiet ta' xoghol tal-ufficcju ghaz-zmenijiet tal-Milied. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-ikla li jorganizza l-Kunsill fi zmien il-Milied u saqsa jekk kienx ser jigi mistieden l-Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh. Il-Kunsill qabel li ghandu jistieden lis-Sur Jean Zarb.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 87-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni minn pagament nru 20 minhabba kunflitt t'interess.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Davina Sammut Hili u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11746 sa 11759 u 0001 sa 0028, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, ET, VB, MP)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thossha ddizappuntata li l-Kunsill kien ha decizjoni xhur ilu sabiex jixtri l-Ktieb Tezor biex jaghtihom lit-tfal tal-iSkola Primarja u li sal-gurnata ta' qabel kienu baqghu ma gewx ordnati. Il-Kunsilliera qalet li dakinhar kienet giet informatha minn impjegata tal-Kunsill li l-Ktieb Tezor ma kienx baqa' jsir. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet biex is-Segretarju Ezekuttiv jigbed l-attenzjoni tal-impjegata ghal dan in-nuqqas u li ma kienx hemm ghalfejn jghaddu xhur biex dawn jigu ordnati.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**27/1 –** *Minhabba li Triq San Tumas, kantuniera ma Sant'Anna hija mudlama, (fuq numru ta ilmenti ricevuti minhabba nuqqas tad dawl f'din iz-zona) qed inressaq mozzjoni sabiex issir applikazzjoni ghal-installazjoni ta bozza addizjonali.*

Il-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**27/2 –** *Qed inressaq mozzjoni sabieh isir aktar dawl mad-dahla tal-bieb tal-KG5 hdejn l-ground tal-football, dan minhabba l fatt li r-residenti qed jilmentaw li qed ikun hemm hafna dlam specjalment fix-xitwa.*

Il-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, ET, MP, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**27/3** – *Qed inressaq mozzjoni sabiex nixtru l-materjal sabiex Alfio jahsel l-bankina ta Triq San Frangisk dan minhabba li l-istat ta` din l bankina*

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet emenda fil-mozzjoni mressqa minnha sabiex minflok "Alfio", il-mozzjoni taqra' "il-haddiema tal-Kunsill".

**Nota: 19:25 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

Il-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, VB, NH, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 9.0 Evalwazzjoni ta' Offerti

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien hemm diversi offerti rigward il-hasil u t-tindif tal-ufficcju u tad-Dar tal-Kunsill.

9.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat li hu ser jastjeni mid-diskussjoni minhabba kunflitt t'interess.

9.3 Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti ghandhom jghaddu ghand l-Accountant sabiex jivverifika r-rati mitfugha.

9.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li hu kien gie avvicinat minn resident Furjaniz li qieghed jirregistra mal-ETC bhala cleaner. Il-Kunsillier Borg kompla billi qal li dan ir-resident kien wera l-interess li jahdem bhala cleaner fil-Kunsill fuq l-iskema tal-ETC Community Work Scheme. Il-Kunsillier Borg kompla billi qal li minflok darba fil-gimgha bhalma hu specifikat fit-tender, is-Sur Debattista jirraporta kuljum l-ufficcju u ghalhekk dan kellu jattribwixxi biex ikun hemm iktar indafa u minghajr hlas.

9.5 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jirtira l-ghazla tal-offerti jekk jircievi approvazzjoni mill-ETC u li jaghti perjodu ta' prova lis-Sur Charles Debattista.

## 10.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm kien talab laqgha ma' Dr José Herrera, kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta u ghalhekk matul il-laqgha straordinarja tal-gurnata ta' qabel ma setghet tittiehed l-ebda decizjoni.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li jittama li johrog ezitu tajjeb minn din il-laqgha.

10.3 Is-Sindku qal ukoll li jekk sa tmiem il-gimgha, il-Kunsill ma jkun inghata l-ebda risposta, ser jipproponi li l-Kunsill jerga' jiltaqa' sabiex jiehu decizjoni finali u jekk hemm bzonn il-Kunsill jaghmel ukoll konferenza stampa.

10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-attentat ta' ksib ta' rekord dakinhar tal-attivita' u qal li wara diskussjonijiet li saru ma' Farsons, huma kienu pproponew li jhallsu 60% tal-attivita'. Il-Vici Sindku qal li ghalhekk il-Kunsill ser ikollu johrog il-kumplament. Huwa ppropona li l-Kunsill jitlob lid-DOI sabiex jiehu hsieb il-fotografija ta' dan il-ksur ta' rekord u zied jghid li kien hemm diversi modi ohra kif il-Kunsill inaqqas l-ispiza tieghu.

10.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar fid-decizjoni mittiehda fil-laqgha tal-Kunsill biex il-poster tal-attivita' jigi mressaq ghall-approvazzjoni qabel ma jigi ccirkolat.

10.6 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li nhar it-Tnejn rapprezentant tal-Kunsill kien mistieden fuq il-midja sabiex ikun jista' jirreklama l-attivita'.

10.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li kienet ingiebet sponsorship minghand l-MSV Life ghall-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Is-Sindku zied jghid li anke Vodafone kienu offrew sponsorship.

## 11.0 Gabbana Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-proposta mressqa mis-Sur Karl De Flavia rigward it-trasferiment tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u fejn talab ukoll li jinghata estensjoni ta’ kirja ta’ hames snin fuq il-gabbana msemmija ghall-hlas ta’ €8000 fis-sena, Hu qal li hu ma jaqbilx ma’ din il-proposta minhabba li ma kinietx ser tissolva l-problema.

11.2 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa’ din it-talba minhabba ragunijiet legali u qabel li ghandu jiehu hsieb johrog l-offerta’ ghall-kirja tal-gabbana tal-KGV.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm bzonn li jsir restructuring tal-gabbana msemmija. Il-Kunsill qabel li l-Vici Sindku ghandu johloq proposta sabiex tigi diskussa mal-Kunsill.

## 12.0 Zmien ta’ Prova tal-Haddiem Manwali

12.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni tat-tigdid tal-kuntratt tal-impjegat Alfio Sciberras mat-terminu taz-zmien ta` prova, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 13.0 Attivitajiet kongunti ma’ ghaqdiet Furjanizi

13.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-titjieb fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u ppropona li l-Kunsill jaghmel budget sabiex jorganizza attivita’ wahda ma’ kull ghaqda fil-lokalita’.

13.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li sabiex il-Kunsill ikun jista’ jaghmel dan, hemm bzonn li l-Kunsill ikun jaf minn qabel l-ispiza globali u ghalhekk ippropona li tintbaghat ittra lil kull ghaqda sabiex tinforma lill-Kunsill b’dak li tkun ser torganizza.

**Nota: 19:58 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

13.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li minflok, il-Kunsill jiehu stima fuq it-talbiet passati u jaghmel il-budget b’dak il-mod.

13.4 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill ghalkemm is-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet kumparat ma l-ahhar sentejn, xorta ma kienx qieghed f’pozizzjoni finanzjarja tajba. Hu zied li l-Kunsill kien iffranka eluf ta’ flus kemm ilu li l-Kunsill iddecieda li ma jippartecipax f’attivitajiet tal-ghaqdiet lokali.

**Nota: 20:00 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

13.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano ssuggerixxa li l-Kunsill jaghti lok ghall-talba wahda minghand kull ghaqda u li wara din it-talba, dik l-ghaqda ma tkunx tista’ terga’ taghmel talba ohra ghal ammont ta’ zmien.

13.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jaghmel limitu ta' flus li jista' johrog ghal kull ghaqda. Il-Kunsill qabel.

13.7 Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm aprovazzjoni fuq il-principju, ghandu jimxi kaz b'kaz u jara t-talbiet x'ikunu.

13.8 Is-Sindku irrakomanda li din titqied ghad-diskussjoni meta jkun qed jigi imfassal il-baggit tal-Kunsill, u tittiehed decizjoni minn hemm. Il-Kunsill qabel.

13.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-coffee mornings li jigu organizzati u fakkar li kien hemm decizjoni mill-Kunsill li parti mill-prezz tal-biljett trid tmur ghal xi ghaqda lokali. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li dak li kienet qed tigbor mill-prezz tal-biljetti kien qed iserviha ezatt biex tkun tista' thallas il-caterer. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jiddedika somma pro rata mill-premju tar-rebh tat-tombla li jmur ghall-ghaqdiet lokali skont kif gie deciz mill-Kunsill precedentement.

## 14.0 Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jirregola l-parkeggi riservati kollha skont il-linji gwida mahruga minn Transport Malta inkluz dak tad-Dipartimetn tal-Kura Primarja.

14.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-entitajiet kollha li m'humiex intitolati ghall-parkegg riservat u jinformahom li l-parkegg riservat kien ser jitnehhilhom skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

## 15.0 Dlam fi Gnien il-Mall

15.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill johrog stqarrija stampa ladarba s-sitwazzjoni fi Gnien il-Mall baqghet tippersisti.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li meta d-dawl jigi rrangat ghandu jkun fuq poles bi stil antik sabiex isebbah il-post.

15.3 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog stqarrija stampa.

## 16.0 Floriana Business Community

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghandha ssir laqgha f'Jannar fejn matulha ser jitressaq u jigi ccirkolat abbozz ta statut li ghandu jigi approvat mill-Kunsill.

**Nota: 20:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 17.0 Bankini u Asfaltar f'Balzunetta

17.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi saqsa jekk il-bankina tan-naha tal-Kurja hux ser tigi ghad-dritt ghat-tul kollu minhabba li hemm l-ispralli.

17.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din kienet saret hekk, u titwessa' ftit it-triq.

17.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-gutter mhux ser jigi wiesgha iktar ghax dan kien diga mahsub u kienet diga saret il-verifika.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kif kien sejjer l-andament tax-xoghol. Il-Vici Sindku Matthew Paris li x-xoghol kien qed isir bil-mod izda kien miexi.

17.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa rigward Triq il-Miratur u jekk hemmx permess mill-MEPA biex il-bankini isiru tal-qawwi.

17.6 Il-Vici Sindku qal li hu kien ser ikellem lill-Perit u jitolbu jiccekkja dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Miratur.

**Nota: 20:25 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

## 18.0 Attivitajiet fil-Milied ghall-Anzjani

18.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 19.0 Latrini ta' Bieb il-Bombi

19.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Gvern Centrali sabiex jitlob assistenza.

19.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li l-Kunsill kien iddecieda li dawn il-latrini jinghalqu sakemm il-Gvern Centrali jipprovdi assistent li jkun jista' joqghod ghassa maghhom.

19.3 Il-Kunsill ghalhekk qabel li jikteb lill-Gvern Centrali u li nel frattemp jaghlaq l-access ghall-dawn il-latrini.

19.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi tkellmet mal-Ministru Joe Mizzi li nformaha li kien hemm pjanijiet biex il-latrina li hemm hdejn il-klabb tal-bocci tigi rrangata mill-Gvern Centrali u terga' tinfetah.

## 20.0 Hlasijiet mill-gvern ta' xogholijiet fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien tkellem mal-ex Ministru Chris Said in vista tal-email mibghut minnu fejn kien ta struzzjonijiet lil Dr Albert Buttigieg sabiex jghaddi l-pagament tad-differenza fl-ispiza tax-xoghol ikkwotat lill-Kunsill Lokali Floriana.

20.2 Il-Vici Sindku kompla billi qal li l-ex Ministru kien informah li ladarba din kienet decizjoni mittiehda mill-Gvern precedenti, il-Housing Authority trid tbiddel id-decizjoni u ttiha retroattivita' jekk ma taqbilx li thallas id-differenza lill-Kunsill.

20.3 Il-Vici Sindku ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Housing Authority sabiex taghti risposta bil-miktub lill-Kunsill jekk hux ser thallas id-differenza jew le. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Awtorita' u jinformaha li din kienet commitment mill-Ministru u ghalhekk ihoss li l-Awtorita' ghandha zzomm il-kelma li thallas id-differenza dovuta lill-Kunsill.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha b'siegha.**

## 21.0 Tmiegh ta' qtates

21.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien innota li kien hemm mara qed titma' l-qtates fuq ic-cint fejn kien hemm il-vetturi pparkjati hdejn il-Policlinic minkejja li hemm il-cat café ftit passi 'l boghod.

21.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li jekk min jitma' jnaddaf u ma jhalli xejn warajh, danikun konfiormi mal-ligi.

21.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-gwardjani lokali sabiex jissorveljaw iktar din iz-zona u jaraw li mhux qed jithalla' hmieg.

21.4 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni wkoll li hdejn il-Young Falcons Club hemm zewg cat cafés zghar li ma kienux saru mill-Kunsill.

21.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb u jitlob li jitwahhlu tabelli ufficjali tal-Kunsill Lokali Floriana sabiex dawn ikunu rikonoxxuti min-nies bhala zona ta' tmiegh approvata mill-Kunsill.

## 22.0 Aġġornament tal-laqgħa

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 8 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.45

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |